TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/103/13/S

Noel, Doris, Justin u Wendy Amber Pace
vs
Golden Travel Club Limited

Illum 31 t'Ottubru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Noel, Doris, Justin u Wendy Amber Paceipprezentata fl-10 ta'Mejju,2013 u r-risposta tas-socjeta Golden Travel Club Limited ipprezentata fl-4 ta'Lulju,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti Noel Pace kif ukoll it-trattazzjoni tieghu maghmula fit-3 t'Ottubru,2011;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda allegat dewmien biex inghataw il-kmamar;

Illi s-socjeta intimata pprezentat kopja ta' "invoice" fejn hemm indikat li c-'check in' isir wara nofsinhar;

Illi s-socjeta intimata tat lir-rikorrenti 'voucher' ta' €75 li gie accettat mill-istess rikorrenti;

Illi ghalkemm is-socjeta intimata stqarret li l-'voucher' kien inhareg bi zball ghax kien inhareg ghal min kien alloggjat f'lukanda partikolari, xorta wahda iddecidew li jonorawh;

Illi min-naha tieghu, ir-rikorrenti insista li jinghata l-kumpens fi flus;

Illi dan it-Tribunal ghandu biss quddiemu ix-xhieda guramentata ta' Noel Pace;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Noel, Doris, Justin u Wendy Amber Pace u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Golden Travel Club Limited filwaqt li Jordna lis-socjeta intimata thallas lil Noel, Doris, Justin u Wendy Amber Pace is-somma ta' €75, b'ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mill-istess socjeta intimata.

Richard Sladden Av.
Arbitru